31986D0068

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tad-19 ta' Frar 1986
li temenda r-Regolament (KEE) Nru 3419/83 bil-ħsieb li tiġi estiża l-lista tal-prodotti li joriġinaw fir-Rumanija li ġew illiberalizzati fil-livell Komunitarju

(86/68/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KEE) Nru 3419/83 bil-ħsieb li tiġi estiża l-lista tal-prodotti li joriġinaw fir-Rumanija li ġew illiberalizzati fil-livell Komunitarju, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu [1],

Billi l-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Soċjalisa tar-Rumanija tat-28 ta' Lulju 1980 [2] iltaqa' fi Brussel fid-9 u l-10 ta' Diċembru 1985; billi, mat-tlestija tax-xogħol tiegħu, irrakkomanda illi, fost ħwejjeġ oħra, għandhom jiddaħħlu prodotti ġodda fl-Anness mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3419/83 ta' l-14 ta' Novembru 1983 li jistabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġi implimentat il-Ftehim bejn il-Komunità u r-Rumanija dwar il-kummerċ fil-prodotti industrijali [3];

Billi, wara l-eżami ta' l-aspetti varji tal-miżuri rakkomandati mill-Kumitat Konġunt, għandha tittieħed azzjoni fuqhom, filwaqt li jitqies l-Artikolu 3(1) tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija dwar il-kummerċ fil-prodotti industrijali [4];

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-prodotti elenkati fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni huma hawnhekk imdaħħla fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 3419/83.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 1986.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Frar 1986.

Għall-Kummissjoni

Willy DE CLERCQ

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 53, ta' l-24.2.1984, pġ. 1.
[2] ĠU L 352, tad-29.12.1980, pġ. 2.
[3] ĠU L 346, tat-8.12.1983, pġ. 1.
[4] ĠU L 352, tad-29.12.1980, pġ. 5.

ANNESS

In-Numru ta' l-Intestatura tas-*CCT*	Il-Kodiċi tan-*Nimexe* (1985)
29.04 A ex V	29.04-22 24 27
ex 44.11	44.11-20 49
ex 44.15	44.15-39 80
ex 44.18	44.18-30 90
ex 44.24	44.24 ex 00 (1)
45.02	45.02-00
69.02 ex B	69.02-51
69.09 B	69.09-81 89 93
ex 70.13	70.13-ex 20 (2)
85.09 ex A	85.09-01 05 ex 09 (3)

(1) Imqass ta' l-injam għall-għażel.

(2) Oġġetti tal-ħġieġ b'koeffiċjent baxx ta' espansjoni, tal-ħġieġ minfuħ jew tal-pressa, minbarra l-flixkien tat-tmigħ u l-akwarji.

(3) Id-dwal għar-roti (biċikletti).